Kunsill Lokali
Għajnsielem

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 15– L-Erbgħa 22 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill iltaqa' online nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju fit-15:00pm u t-trasmizzjoni giet transmessa online għall-pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**15.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.**

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**15.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

15.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 15.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja attenda għaliha in konnessjoni mad-Development Planning Fund rigward bdil ta' kundizzjonijiet li jippromovu l-introduzzjoni ta' proġetti green. Is-Sindku rrefera għal din il-laqgħa bħala waħda tajba ħafna u li għaliha kien hemm prezenti anke l-Ministru tal-Ambjent Aaron Farrugia u l-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri. Huwa semma' li waqt il-laqgħa għamel referenza għall-aċċess tal-€40,000 Planning Gain li hemm imħallsa għall-proġett tal-Mgarr Hotel u li tagħhom għadna ma sibniex tarf kif ser jgħadduhom lilna. Huwa rrefera' wkoll għat-talba li ressaq lil Ministru tal-Ambjent sabiex jgħinna fir-rigward ta' permessi u sabiex issir strateġija flimkien sabiex Ta' Passi jintuża bħala park u jitgawda is-sena kollha. Is-Sindku rrimarka li l-Ministru kien ta' għajnuna ħafna u gwidana sabiex inkellmu kuntatt li jista jgħinna f'dan ir-rigward.

15.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-applikazzjoni tal-Proġett Slow Streets imniedi mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellu ma' Antoine Zammit li huwa kkommisjonat li jagħmel dan l-istudju. Il-kunċett ta' dan l-istudju huwa sabiex meta jkollna bzonn nagħlqu t-toroq f'kaz ta' attivitajiet, dawn jingħalqu b'mod faċli u anke li jgħaqqad faċilment flimkien żoni differenti. L-istudju ser jiswa €3000 u għall-Kunsilli Għawdxin interessati, dan l-istudju ser jitħallas mir-Regjun Għawdex. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet huwa li nħeġġu n-nies jimxu u jsuqu r-rota u nnaqsu l-vetturi u s-CO2 mit-toroq tagħna u fl-istess hin qed inkunu nroddu lura t-toroq tagħna għall-uzu tan-nies. Is-sindku saħaq dwar l-importanza li meta norganiżżaw xi attivita' għandna nħeġġu n-nies iħallu l-karozza d-dar u jattendu għaliha bil-mixi.

15.4.3 Is-Sindku rrefera għat-Traffic Management ta' Triq iz-Żewwieqa u għal modifiċi mplimentati fuqha minn Transport Malta fejn minn 6 parkings naqqsuha għal tlieta. Is-Sindku spjega kif erġajna mmodifikajniha u reġgħet ma' ġietx approvata. Sar qbil li għalissa jsir il-mosaic madwar is-sigra mbad nimxu minn hemm rigward road markings u Signs.

15.4.4 Is-Sindku rrefera għall-fatt li t-Team Mosaic rega' beda jiltaqa' u bdew il-mosaic ta' Triq Borg Għarib. Huwa spjega kif x'hin jispiċċaw dan ser ikomplu billi jinbeda l-proġett ta' Triq Żewwieqa.

15.4.5 Is-Sindku rrefera għal fatt li twaħħlet il-CCTV ħdejn il-Kunsill u saru s-signs meħtiega sabiex nikkontrolaw l-abbuż fejn jintrema il-ħġieġ u ħwejjeġ għar-riċiklaġġ.

15.4.6 Is-Sindku semma' li ġie avviċinat mill-Għaqda tal-Armar u peress li huma issa registered NGO, talbuna nistgħux ngħinunhom billi nħallsulhom servizz ta' accountant. Il-Kunsill qabel li jista joffrilhom li ngħinuhom biss billi jtellgħu attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

15.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-talba sabiex issir sleeping police oħra fi Triq Cordina xhin tibda iż-żona residenzjali u min talab lest li jaċċetta li ssir quddiem tiegħu. Sar qbil li għandna nżidu oħra għax verament meħtiega minhabba sewqan eċċessiv li qed isir.

15.4.8 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li l-Kunsill Lokali Għajnsielem huwa r-runner up tal-Premju NESA 2020 u l-premju jikkonsisti fis-somma ta' €8000.

15.4.9 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li hemm xi tibdil fil-ġbir tal-ħġieġ għax ser jibda jsir fl-ewwel ġimgħa tax-xahar minflok fl-ewwel Hamis. Huwa spjega kif ser jidher avviż fuq il-bullettin u fuq il-facebook page (inkluż paid advert) tal-Kunsill rigward dan it-tibdil.

15.5 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

15.5.1 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-komunikat li kellu ma żewġ voluntiera jieħdu ħsieb kompletament lill-ħmara Bianca peress li huma esperti fil-qasam taż-żwiemel. F'dan l-istadju huwa offra l-possibilita' li jingab żiemel ieħor f'Ta' Passi. Dawn lesti li jieħdu ħsiebu. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċettah kemm il-darba jkun ta' kumpanija għal ħmara. Il-Kunsillier Saliba propona wkoll li jiżdiedu l-għasafar fl-area.

15.5.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-Park ta' Passi bħala National Park. Huwa ssuġġerixxa li dan il-post għandu jigi utiliżżat is-sena kollha u mmaniġjat aħjar. Huwa propona li għandna mill-gdid nerġġħu napplikaw mal-MEPA għal permess li nizviluppawh f'park u b'hekk iservi ta' Landmark fl-entratura tal-gzira għawdxija. Is-Sindku spjega

li rigward din il-materja kellu laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia u ser jsiru laqgħat meħtieġa dwar il-way forward fil-ġimgħat li jmiss.

15.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għal ħtiega ta' ħasil ta' bankijiet u street furniture bil-power washer. Is-Sindku spjega li diġa nbeda dan ix-xogħol u ser issir general cleaning tas-soft areas kollha tal-lokal.

15.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għal One Way li hemm mill-Pjazza Indipendenza għal Triq Bengħazi u Triq il-Ġnien kif wkoll dwar il-possibilta li l-Pjazza Indipendenza minn naħħa waħda tkun one way biex jonqos l-ammont ta' karozzi. Sar qbil li dan is-suġġeriment ikun parti mill-istudju ta' SlowStreets

15.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-traffic management f'Triq Żewwieqa biex issir xi ħaġa madwar is-siġra. Dan ser isir wara li jitlesta l-mosaic ta' madwar is-sigra. Is-sindku għamel referenza għal dak li qal qabel, ċioe li x-xogħol ser jibda dalwaqt fuq din iż-żona iżda għalissa mhux se jsiru sinjali tat-traffic management minħabba li ser jonqos il-parkeġġ.

15.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għall-grada ta' Triq Malta sabiex tinstab soluzzjoni għax għada tħabbat.

15.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għat-tiġieġ li hemm f'Ta Passi u li jinsabu infettati b'xi mard u qed jeqirdu wkoll il-vegitation kollha li hemm madwarhom. Sar qbil li għanda issir gallinar u jitpoġġew fiha. Ser jieħu ħsieb ix-xogħol Franco Ciangura permezz tal-voluntiera ta' Bethlehem.

15.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtieġa ta' sleeping police ħdejn il-Playing Field tal-Gudja, ħdejn is-substation. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

15.5.9 Il-Kunsillier Larry Buttigeg irrefera għax-xogħolijiet li qed isiru fi Triq Sant' Antnin u għal fatt li rċieva lmenti li qed ikun hemm ħruġ ta' ħadid u trab l 'hawn u l'hemm u saqsa jekk jistax minflok jitpoġġa f'post wieħed. Is-Sindku spjega kif it triq għandha titlesta ma ddumx iżda sadanitant nistgħu nigbdulhom l-attenzjoni.

15.5.10 Il-Kunsillier Larry Buttigieg ppropona li mill-ġdid għandna nressqu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir cement fid-daħla ta' taħt Chambray, speċjalment fl-ewwel parti li tinsab verament fi stat ħazin.

15.5.11 Il-Kunsilllier Larry Buttigieg għamel ukoll referenza għall-plastic l-aħdar li ntuża fi Triq tax-Xatt l-Ahmar fil-proġett tal-EU fejn kellna nużawh bħala kundizzjoni mill-MEPA. Huwa ssuġġerixxa li ta' min nagħtuhom feedback ta' kemm ma kinitx deċiżjoni tajba peress li dan il-plastic qed jitfarrak u jinġarr mal-ilma għal ġol-baħar b'detriment għall-ambjent. Sar qbil li qabel nibgħatu dan il-feedback għandna nieħdu parir tal-perit tal-proġett.

15.5.12 Il-kunsillier Larry Buttigieg saqsa fejn wasal il-permess ta' fejn waqa' l-boulders tal-ġebel. Is-sindku qal li għadna qed nistennew mingħand l-ERA l-approval tal-permess jekk inneħħuhomx jew nagħmlux platform.

15.5.13 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li f'Ras il-Hobz ser isiru tabelli meħtiega u l- bins. Rigward il-biċċa cement li fadal għandna l-approvazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u għalhekk għandna niċċekjaw mas-CMU meta ser jagħmlu x-xogħol.

15.5.14 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għall-periklu li jeżisti fl-area tad-divers fix-Xatt l-Aħmar specjalment fejn hemm id-decking imkisser. Huwa talab li temporanjament għandu jitneħħa l-periklu. Sar qbil li għandna nibgħatu lill-Ministeru għal Għawdex sezzjoni EkoGozo b'dan l-ilment.

15.5.15 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għal filmat qasir li sar f'Ta' Passi minn kumpanija teatrali Maltija u dawn għogobhom jagħtu donazzjoni ta' 50. Il-Kunsill bgħat jirringrazzjahom u bgħatilhom irċevuta.

### 15.6 Attivitajiet għas-Sajf – GħajnsielemFest / Iljieli Sajfin

15.6.1 Is-Sindku rrefera għall-pjan li kellna sabiex nagħmlu diversi attivitajiet fis-sajf fosthom iljieli sajfin pero' wara li faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19, konna tal-idea li din is-sena ma nagħmlu xejn. Pero ġara li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ programm ta' attivitajiet mifrux ma' ċertu rħula Għawdxin u għalhekk jidher li hawn aspettativa għall-attivitajiet.

15.6.2 Bhala Għajnsielemfest nistgħu nagħmluha nhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu peress li l-palk dakinhar biss huwa available. Sar qbil li għandna naraw nistgħux ngibu lil Destiny u Michela Pace għal din is-serata.

15.6.3 Bhala attivitajiet oħra għas-sajf ġew diskussi diversi attivitajiet varji forsthom attivita' tal-BMX, attivita ta' magician fit-tarag, Treasure hunt, Lejla Maltija, bands fosthom Straitahead, Rebecca & Passengers u Cash&Band, Outdoor Cinema, u water games.

15.6.4 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li fuq talba tal-Arcipriet, għada fil-5pm għandna laqgħa miegħu rigward l-attivitajiet tal-festa. Is-Sindku spjega kif kien hemm Kunsill partikolari f'Għawdex li organiżża l-marċijiet hu u ħoloq preċedent. Huwa spjega kif wara dan l-avveniment, ġie avviċinat miż-żgħażagħ biex l-Kunsill jgħin fl-organiżazzjoni ta' marċijiet. Huwa kompla jispjega li bħala Kunsill nistgħu norganiżżaw marċ izda l-Kurja ħarġet direttivi li l-Knisja ma tistax torganizzahom. F'dawn iċ-ċirkustanzi ikun għaqli li niddiskutu din il-materja mal-Arcipriet billi l-Parroċċa hija l-organiżżatur tal-Festa u mhux xieraq li l-Kunsill jaqbzu.

15.6.5 Preżenti għal-laqgħa ġew ukoll grupp ta' żgħażagħ li jirrappreżentaw lill-għaqdiet fejn ippreżentaw programm ta' attivitajiet li xtaqu li jiġu organiżżati mill-Kunsill fil-Ġimgħa tal-Festa fosthom il-marċ brijuż tal-Ġimgħa u marċ ieħor is-Sibt. Il-Kunsill sema' x-xewqat ta' dawn iż-żgħażagħ u fehem l-entużjażmu tagħhom u urihom li jixtieq jgħinhom pero' s-Sindku spjegalhom li peress li l-festa hija attivita' li tiġi

organiżżata mill-Knisja, ma jkunx prudenti li naqbdu u norganiżżaw attivitajiet mingħajr diskussjonijiet bejn iż-żewġ partijiet. Għalhekk sar qbil li l-ewwel għandha tinżamm din il-laqgħa u wara tiġi diskussa l-loġistika ta' dawn l-attivitajiet rikjesti.

## 15.7 Knis madwar ir-raħal

15.7.1 Is-Sindku spjega kif fl-aħħar ġranet inbidlu xi affarijiet dwar l-operat tat-tender tal-knis. Wara li żdied ħaddiem magħna minn tal-CWFES tfajnih fuq maintenance madwar iċ-ċentru tal-lokal. Is-Sindku spjega kif il-knis tal-pjazza għaddejnih lilu wkoll u qed ikollna xogħol sodisfaċenti. Is-Sindku spjega kif qed jara nuqqas ta' riżultat sodisfaċenti mill-kuntrattur tal-knis, Għajnsielem FC.

15.7.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm Jason Vella, il-President ta' Għajnsielem FC biex jiġu diskussi xi materji. Is-Sindku rrefera għall-iskeda tal-knis kif provduta fit-tender u għal fatt li assolutament m'humiex qed jimxu. Huwa spjega kif ta' lanqas kull triq fir-raħal trid tinkines kompletament darbtejn fix-xahar u b'hekk inkunu għamilna progress. Is-Sindku lmenta wkoll għan-nuqqas ta' qtugħ ta' ħaxix u rigward il-fatt li fejn hemm munzelli trab minflok jinġabar, jibqgħu jduru magħhom. Huwa spjega kif mhux aċċettabbli li ċertu ħmieġ jibqa' hemm fit-tul. F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa talabhom sabiex jagħmlu skeda aktar realistika u jagħtuhilna.

15.7.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel ukoll referenza għad-diversi lmenti li rċieva rigward nuqqas ta' knis fi Triq Malta.

15.7.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba ndirizza lis-Sur Vella billi qallu li huwa bħala l-kuntrattur jrid jaċċerta li x-xogħol isir u jsir sewwa.

15.7.5 Sar qbil li għandha titfassal skeda oħra aktar prattika u li t-toroq ikunu viċin.

15.7.6 Waqt il-laqgħa ma' Għajnsielem FC gew diskussi wkoll l-attivitajiet għas-sajf u minn naħa tagħhom ikkonfermaw li l-unika attivita' li għandhom pjanata s'issa hija l-presentation tal-players li ser issir quddiem il-Club fit-22 t'Awwissu fejn matulha ser issir ikla abbinata mal-istess attivita'.

## 15.8 Ftuħ u operat tat-trakka tar-roti

15.8.1 Is-Sindku rrefera għall-inizjattiva li tinbena temporanjament trakka tar-roti. Din intlaqgħet tajjeb ħafna u ta' kuljum qed ikun hemm ħafna tfal jagħmlu użu minnha. Pero' din it-trakka tinħtieg l-manutenzjoni tagħha kull ġimgħa f'dak li huma tixrib tat-trab. Għalhekk il-Kunsill stieden lis-Sur Paul Zerafa sabiex jiġi diskuss il-pass li jmiss fuq l-operat ta' din it-trakka. Is-Sindku irringrazza lis-Sur Zerafa li flimkien mat-team tiegħu qed jieħdu ħsieb jxarrbu dan permezz ta' ilma minn ġot-tankijiet li gew provduti mill-Kunsill. Is-Sindku għamel referenza wkoll għal xi talbiet li qed ikollna minn skejjel tal-isports sabiex jużawha. Huwa spjega li ma jarahiex fair li hemm grupp ta' voluntiera li qed jieħdu ħsieb il-manutenzjoni imbad jiġu oħrajn u juzawha bla ħlas.

15.8.2 Paul Zerafa minn naħħa tiegħu nsista li huwa mportanti ħafna li min jixtieq jużaha għandu jitgħallem t-teknika għall-użu tagħha. Huwa spjega li bħala organiżżattur u voluntier jixtieq li min għandu tfal u jrid li jġibhom biex jużaw it-trakka, dan għandu jsir bla ħlas iżda dawk li jixtiequ jitgħallmu dan l-isports ġdid b'mod professjonali għandu juża n-nies professjonali, idejalment dawk li ħadmu biex wettqu din it-trakka. Sar qbil it-tfal iħallsu xi żaġa għall-upkeeping tat-trakka jekk se jattendu għal tagħlim professjonali. Sar qbil ukoll li l-operaturi għandhom jikkrejaw NGO u jkollu VO Certificate biex tkun tista tamministra dan il-fond.

15.8.3 Is-Sindku spjega kif l-iskop ta' din it-trakka huwa li nikkrejaw sports ġdid u alternattiv f'Għawdex. Sar qbil li għandna norganiżżaw xi launching tagħha u nistiednu lil Ministru għal Għawdex u dak tal-Isports għall-inawgurazzjoni tagħha. Is-sindku qal li minkejja li din qegħda hemm b'mod temporanju, jekk jirnexxi l-kunċett għad nagħmlu waħda aktar professjonali u permanenti.

15.8.4 Sar qbil ukoll li għall-aħħar tas-sajf għandna nagħmlu attivita' oħra bħal tas-sena l-oħra fl-EMW week quddiem il-każini kif ukoll l-UrbanRide event li hija pjanata għat-26 ta' Settembru. Is-Sindku spjega kif ċertu njam li qed jintuża' għal din it-trakka huwa tar-riciklaġġ mingħand Xuereb Glass biex nippromovu r-renewal tal-materjal. Sar qbil li għal festa għandna nagħlquha b'xi tip ta' barrier biex ma jsirux ħsarat u abbużi fiha speċjlament wara d-disco.

## 15.9 Htieġa ta' store/garage temporanju

15.9.1 Is-Sindku rrefera għal qbil li għandu jinkera garage/store għal sena sakemm l-istore jinbidel f'librerija imbagħad nixxiftjaw l-istore fil-librerija eżistenti. Huwa rrefera għad-diversi stimi li ġabar li jinkludu:-

- Triq Gleneagles garage ta' 10ft x 28ft għal €1456
- Garage li jesa 5 karozzi fi Triq Għajnsielem għal prezz ta' €2400 fis-sena
- Garage fi Triq Għajnsielem li jesa zewg karozzi għall-prezz ta' €1200 fis-sena
- Garage fi Triq Wied ir-Rgħajjes għal prezz ta' €1400 fis-sena
- Kamra mdaqqsa f'dar fi Triq Għajnsielem għall-prezz ta' €1200

15.9.2 Il-Kunsill qabel li peress li għandna hafna stock x'nigbru, ikun jaqbel li nikru l-akbar wieħed fid-daqs, dak ta' Triq għajnsielem għall prezz ta' €2400.

## 15.10 Update dwar Bini Ħitan tas-Sejjieħ Triq Briegħen u St Eliju Belvedere

15.10.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li x-xogħolijiet mill-kumpanija Taljana ESON bdiet ix-xogħolijiet tagħha fuq it-tender tal-ħitan tas-sejjieħ li jaqgħu taħt il-Mizura 4.4. Huwa rrefera għax xogħol bħala wieħed tajjeb ħafna u li mexjin b'rittmu tajjeb ħafna. Huwa rrefera għal parti mit-triq fejn Sant'Eliju fejn jinħtieg li minflok ħajt isiru barriers għal medda ta' madwar 20 pied. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 15.11 Update Pjazza tad-Dehra

15.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għax-xogħol tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra u għall-problemi li nstabu li kienu kbar ħafna u rrikjedew ġimgħat sħaħ ta' xogħol li sar minn Casa Restauro l-kuntratturi li kienu għamlu x-xogħol tal-pavimentar flimkien mal-electrician Carmel Cauchi. Pratikkament is-sistema tal-ilma u dawl tal-fontana kella issir mill-ġdid iżda rajna li ma ssir ebda ħsara lil pavimentar u l-irħam eżistenti. Huwa spjega wkoll li ġie kkonsultat is-Sur Joseph Bonello rigward is-sistema tal-irrigazzjoni u din ukoll qed isir sforz biex terġa tibda tahdem. Saret wkoll applikazzjoni mal-ERA sabiex jinżabru is-siġar u tinbidel wkoll is-siġra l-imqaċċta li hemm fuq quddiem tal-pjazza.

## 15.12 Evalwazzjoni tat-Tender tal-Irrigation

15.12.1 Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li l-offerta tal-Irrigation għalqet u kellna żewġ offerti; waħda mingħand Derek Garden Centre għall-prezz ta' €13582.90 u oħra mingħand Richard Cauchi għall-prezz ta' €13384.10.

15.12.2 Sar qbil li l-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mis-Segretarju Ezekuttiv, mill-Kunsillier Larry Buttigieg, minn William Sultana, mill-Inginiera u s-Sur Joseph Bonello

## 15.13 Interview tal-iskema CIES

15.13.1 Is-Segretarja rreferiet għall-ħtieġa sabiex jinħatar Bord biex isiru l-interviews għall-applikanti tal-Job Plus għall-iskema CIES biex ikollna receptionist fil-Kunsill. Sar qbil li l-Bord għandu jkun kompost mis-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber, mis-Sindku Kevin Cauchi u mill-kunsillier u l-Assistent Principal Joseph Ciantar

## 15.14 Hruġ tat-Tender tal-Bulky Refuse

15.14.1 Is-Segretarja għamlet referenza għal din l-offerta li tinsab skaduta u jinħtieg li tinħareg mill-gdid. Sar qbil li għandna nippublikaw din l-offerta.

## 15.15 Risposta għall-Management Letter

15.15.1 Is-Segretarja ppreżentat il-Management Letter u d-draft tar-risposta tagħha. Il-Kunsill qabel mar-rimarki u nnota b'sodisfazzjoni l-kummenti tal-awdituri u fejn hemm xi nuqqasijiet ma għandhomx jigu repetuti.

## 15.16 Xiri ta' bankijiet u bin għal progett ta' Triq Borg Għarib

15.16.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li x-xogħolijiet fi Triq Borg Għarib mexjin ġmielhom u dalwaqt jitlestew. Huwa propona li f'dan l-istadju jintħieg li nixtru zewg bankijiet ġodda u bin. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 15.17 Is-sitwazzjoni tal-annimali f'Ta' Passi

15.17.1 Is-Sindku rrefera għall-problemi kbar konċernati ma' lmenti rigward il-kura u l-upkeeping tal-annimali li għandna f'Ta' Passi, inkluż it-tjur. Qed nirċievu ħafna lmenti li qed jinżammu fi stat ħażin u mingħajr għalf. Huwa spjega kif ma jistax jifhem kif qed isir dan meta nonfqu daqshekk flus fl-għalf tagħhom. Is-Sindku rrefera għall-fatt li sadanittant avviċinatna koppja barranija li offrew li jiehdu ħsieb il-

ħmara Bianca. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil ukoll li għandna nwaqqfu grupp ta' voluntiera biex jieħdu ħsieb l-għalf tat-tjur u qtates.

15.17.2 Saret referenza wkoll għall-mard li għandhom it-tigieg preżentament u sar qbil li għandna nagħmlulhom fencing spazjuż u nagħlquhom fih. Din il-miżura sservi wkoll sabiex jinqatgħu l-ilmenti mingħand il-bdiewa li t-tigieg qed jiklulhom il-prodotti tal-għelieqi tagħhom.

## 15.18 Launching – Cat Shelters

15.18.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal- launching tal- Cat Cafes u għal fatt li għadna qed nistennew data mill-Ministru tal-Agrikoltura u Sajd Anton Refalo.

## 15.19 Materji oħra

15.19.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex it-Triq ta' taħt in-Nadur titranġa bit-torba peress li hemm ħafna ħofor kbar. Din it-talba l-Kunsill ressaqha billi talab li s-savings tal-Miżura 4.3 jintużaw sabiex issir din it-triq.

15.19.2 Ġie trattat l-ilment mingħand resident rigward il-parking li qed isir fi Triq il-Qigħan u toroq tal-madwar qed jipparkjaw trailers, trakkijiet kbar u dgħajjes u ġieli anke jipparkjawhom fuq double yellow lines. Sar qbil li għandna ngħaddu dan l-ilment lill-Pulizija u lill-LESA.

15.19.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq l-Imġarr sabiex teħel mera faċċata tal-garage tiegħu peress li jsibha diffiċli biex joħrog il-karozza. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

15.19.4 Ġiet trattata talba mingħand residenta sabiex il-parking bays ta' quddiem il-każin tal-banda jinżebgħu il-kaxxi. Talbet ukoll li meta ikun hemm qtugħ ta' dawl jew ilma navżaw b'mezzi oħra u mhux bil-facebook biss. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex isiru refreshing of lines ta' Triq Borg Għarib u ta' quddiem il-każini. Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu Traffic Management plan minn fejn il-monument sal-Ufficju tal-Kunsill.

15.19.5 Ġiet trattata talba oħra mingħand residenta fejn talbet għall- Traffic Management fi Triq Xprunara ma' Triq Malta u talba biex single yellow line fi Triq Xprunara jsir double yellow line. Sar qbil li għandna nikkonfermaw li t-traffic management ta' din l-area huwa miżbuħ tajjeb u li għandna nikkuntatjawha biex naraw eżatt x inhi l-proposta tagħha.

15.19.6 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Sant Antnin biex jitnaddaf it-taraġ li minn Hamri Street jagħti għal Triq Sant Antnin. Sar qbil li hekk kif jintemmu x-xogħolijiet ta' resurfacing f'din it-triq, għandu jitnaddaf waħda tajba.

15.19.7 Ġiet trattata talba mingħand resident sabiex titwaħħal bozza mal-farm tiegħu stess fi Triq Santa Ċecilja (il-ġewwa minn Triq ta' Lambert). Huwa offra li s-supply tad-dawl se tkun mgħoddija mis-sid stess. Sar qbil li għandna nikkonfermaw li hija pubblika u f'każ li hu dan ninstallaw bozza ġdida.

15.19.8 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir tappiera tad-drenaġġ quddiem tas-sorijiet għaliex it-tappiera mirduma bil-bankina. Sar qbil li għandna nirranġawha.

15.19.9 Ġie trattat ilment mingħand persuna rigward karrijiet tad-dgħajjes iparrkjati fil parking bays fiz- Żewwieqa. Sar qbil li dan l-ilment għandna ngħadduh lill-Transport Malta u lill-Pulizija.

15.19.10 Ġie trattat l-ilment mingħand bidwi li għandu l-għelieqi fil-wied ta' taħt Ta' Passi fejn ilmenta rigward it-tiġieġ ta' Bethlehem li hemm jigru fil-wied u qed jiklulu l-prodotti kollha tiegħu. Din il-materja qed tiġi diskussa mal-Animal Welfare.

## 15.20.1 Korrispondenza

15.20.2 Ġiet trattata l-email rigward il-ħtiega ta' aktar dawl fi Triq Filfla peress li għalkemm Ġiet nstallata lampa ġdida xorta għad fadal *gap* kbira mudlama. Ġie ndikat li diġa hemm arblu eżistenti u li l-lampa tista teħel miegħu. Il-Kunsill approva din it-talba.

15.20.3 Ġiet trattata l-email mingħand Charles Bezzina rigward il-pubblikazzjoni tiegħu ta' Ktieb ġdid bl-isem"Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex" . Il-Kunsill qabel li għandu jixtri żewġ kopji għal-librerija tiegħu.

15.20.4 Ġiet trattata t-talba għal Loading/Unloading bay maġenb ir-Resturant One 80 fi Triq Martino Garces. Il-Kunsill mill-ġdid qabel li għandu jiddikjara li ma jaqbilx fil-prinċipju peress li jitnaqqsu żewġ parking spaces għall-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu f'Malta iżda sar qbil li għandu jħalli d-deċiżjoni f'idejn Transport Malta.

15.20.5 Ġiet trattata ittra mingħand id-direttur tal-Inspire fejn talbet sabiex tingħalaq it-triq mit-Tnejn sal-Gimgħa quddiem peress li qed jitilgħu l-vetturi minn isfel sabiex jniżżlu t-tfal. Il-Kunsill qabel li t-triq tista tingħalaq fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ bis, simili għas-sistema tal-Iskola Primarja.

15.20.6 Ġiet trattata t-talba ta' residenta sabiex isir id-dawl u resurfacing ta' Triq Balzunetta. Is-Sindku spjega kif qed nistennew Bill of Quantities tax-xogħolijiet meħtiega mingħand il-Perit biex ngħadduhom lill-Ministeru għal Għawdex.

15.21 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

15.21.1 Il-laqgha intemmet fit-7:00pm u giet aggornata minghajr data għal-laqgħa li jmiss.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**